*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

11,696] It-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 1964 *Monday, 12th October, 1964* [Prezz 2d. [*Price 2d.*

## GOVERNMENT NOTICE

**[No. 550]**

THE following Warrant by Her Majesty Queen Elizabeth the Second dated 2nd September, 1964, is published for general information.

—

ELIZABETH R

ELIZABETH THE SECOND by the Grace of God of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland and of Our other Realms and Territories **Queen, Head of the Commonwealth,** Defender of the Faith, to Our Right Trusty and Right Entirely Beloved Cousin and Counsellor Bernard Marmaduke, Duke of Norfolk, Knight of Our Most Noble Order of the Garter, Knight Grand Cross of Our Royal Victorian Order, Earl Marshal and Our Hereditary Marshal of England.

Greeting!

WHEREAS for the greater honour and distinction of MALTA We are desirous that Arms, Crest and Supporters be assigned for that Territory.

## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

**[Nru. 550]**

IL-WARRANT ta' hawn taħt mill-Maestà Tagħha r-Reġina Elizabetta t-Tieni bid-data tat-2 ta' Settembru, 1964, huwa pubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

—

ELIŻABETTA R

ELIŻABETTA T-TIENI għall-Grazzja t'Alla tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u ta' l-Irlanda ta' Fuq u tar-Renji u t-Territorji l-oħra Tagħna, **Reġina, Kap tal-Commonwealth,** Difenditriċi tal-Fidi, lill-Wisq Fdat u l-Wisq Maħbub Kuġin u Kunsillier Tagħna Bernard Marmaduke, Duka ta' Norfolk, Kavalier tal-Wisq Nobbli Ordni Tagħna tat-Takkalja, Kavalier Gran Kruċ ta' l-Ordni Irjali Tagħna Vittorjan, Earl Marshal u Marixxal Tagħna Ereditarju ta' l-Ingilterra.

Sliem!

BILLI għall-akbar ġieħ u distinzjoni ta' MALTA Aħna nixtiequ illi Armi, Ċimjier u Sostenji jiġu mogħtija lil dak it-Territorju.

KNOW YE THEREFORE that We of Our Princely Grace and Special Favour have granted and assigned and by these Presents do grant and assign the following Armorial Ensigns for MALTA that is to say: For Arms: **Per pale Argent and Gules in dexter chief a representation of the George Cross proper fimbriated Gules:** And for the Crest, **Upon a representation of Our Royal Helmet** mantled Gules, doubled Argent; On a Wreath of the Colours: **A Mural Crown with a Sally Port the embattlements turreted of eight octagonal Turrets Or:** And for Supporters: **On either side a Dolphin, the dexter supporting with the fins an Olive branch and the sinister likewise supporting a Palm branch all proper and upon a compartment of Water Barry wavy issuing therefrom a Rocky Mount proper charged with a Maltese Cross Argent,** together with the Motto VIRTUTE ET CONSTANTIA, as the same are in the painting hereunto annexed more plainly depicted, the whole to be borne and used for MALTA on Seals or otherwise according to the Laws of Arms.

Our Will and Pleasure therefore is that you the said Bernard Marmaduke, Duke of Norfolk to whom the cognizance of matters of this nature, doth properly belong do require and command that this Our Concession and Declaration be recorded in Our College of Arms to the end that Our Officers of Arms and all other Public Functionaries whom it may concern may take full notice and have knowledge thereof in their several and respective Departments

And for so doing this shall be your Warrant.

GIVEN at Our Court at Buckingham Palace this Second day of September, 1964: In the Thirteenth year of Our Reign.

By Her Majesty's Command

DUNCAN SANDYS

KUNU AFU GĦALDAQSTANT illi Aħna bil-Grazzja Prinċipeska u Favur Speċjali Tagħna tajna u assenjajna u b'dan l-Att qegħdin nagħtu u nassenjaw l-Istemma li ġej għal MALTA jiġifieri għall-Armi: **vertikalment Abjad u Aħmar fuq in-naħa ta' Fuq tal-lemin xbieha vera tal-George Cross b'bordura ħamra:** U bħala Ċimjier: **Fuq xbieha ta' l-Elmu Irjali Tagħna** bi svolazzi ħomor fuq quddiem u bojod fuq wara; Fuq girlanda biż-żewġ kuluri: **Kuruna Murali b'pusterla u bi Tmien Turretti ta' tmien faċċati fuq is-swar merlati lewn id-Deheb;** u bħala Sostenji: **Delfin fuq kull naħa, dak ta' fuq il-lemin iżomm bil-pinni fergħa vera taż-Żebbuġ u dak ta' fuq ix-xellug bl-istess mod iżomm fergħa vera tal-Palm u fuq parti ta' ilma mmewweġ li minnu ħierġa Għolja vera tal-Blat u fuqha Salib Abjad ta' Malta,** flimkien mal-Motto VIRTUTE ET CONSTANTIA, l-istess bħalma fid-disinn mehmuż hawnhekk jidher aktar biċ-ċar, dan kollu biex jidher u biex jintuża għal MALTA fuq Siġilli jew mod ieħor skond il-Liġijiet ta' l-Armi.

Għaldaqstant huwa r-Rieda u l-Pjaċir Tagħna illi inti l-imsemmi Bernard Marmaduke, Duka ta' Norfolk, li lilek kif jixraq, tappartjeni l-kompetenza f'materji ta' din in-natura, trid u tordna illi din il-Konċessjoni u d-Dikjarazzjoni Tagħna tiġi reġistrata fil-Kulleġġ Tagħna ta' l-Armi sabiex l-Uffiċjali Tagħna ta' l-Armi u l-Funzjonarji Pubbliċi l-oħra kollha li jistgħu jkunu konċernati jsiru mgħarrfin u jkunu jafu sewwa dwarha fid-Dipartimenti diversi u rispettivi tagħhom.

U biex tagħmel hekk, dan għandu jkun il-Warrant tiegħek.

MOGĦTI mill-Palazz Tagħna ta' Buckingham dan it-Tieni jum ta' Settembru, 1964, Fit-Tlettax-il sena tar-Renju Tagħna.

Bi Kmand tal-Maestà Tagħha.

DUNCAN SANDYS.

I hereby certify that the foregoing copy of the Royal Warrant assigning Arms, Crest and Supporters for MALTA is faithfully extracted from the Records of the College of Arms, London. As witness my hand at the said College of Arms this Eighth day of September 1964.

ANTHONY R. WAGNER
*Garter King of Arms.*

Jiena hawnhekk niċċertifika illi l-kopja ta' hawn fuq tal-Warrant Irjali li jagħti Armi, Ċimjier u Sostenji għal MALTA hija fedelment estratta mir-Reġistru tal-Kulleġġ ta' l-Armi, Londra. B'xhieda l-firma tiegħi fl-imsemmi Kulleġġ ta' l-Armi dan it-Tmien jum ta' Settembru, 1964.

ANTHONY R. WAGNER
*Garter King of Arms.*




*The Armorial Ensigns of*
MALTA

Stampat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
*Printed at the Department of Information*